



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 28 ta' Mejju 2014
(OR. en)**

10366/14

**Fajl Interistituzzjonali:
2014/0157 (NLE)**

**EEE 46
AGRI 394
ENV 487**

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmit mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Mejju 2014
lil:	Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2014) 303 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emenda tal-Anness XX (Ambjent) għall-Ftehim ŻEE

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2014) 303 final.

Mehmuż: COM(2014) 303 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.5.2014
COM(2014) 303 final

2014/0157 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat
Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emenda tal-Anness XX (Ambjent) għall-Ftehim ŻEE**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza tad-dritt u l-omoġeneità meħtieġa tas-Suq Intern, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu jintegra l-leġislazzjoni kollha rilevanti tal-UE fil-Ftehim ŻEE mill-aktar fis possibbli wara l-adozzjoni tagħha.

L-Artikolu 78 tal-Ftehim ŻEE jipprovdi li l-Partijiet Kontraenti jsaħħu u jestendu l-kooperazzjoni fil-qafas tal-attivitajiet tal-Unjoni f'diversi oqsma, fost l-oħrajn, fil-qasam tal-ambjent.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

L-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta) għandu l-għan li jemenda l-Anness XX (Ambjent) għall-Ftehim ŻEE sabiex il-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti tiġi estiża fil-qasam tal-ambjent.

Sabiex jinkiseb dan, jeħtieġ li d-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi ¹ tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

L-Anness XX (Ambjent) għall-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat.

Għandu jiġi nnutat li jeħtieġ li l-pożizzjoni tal-UE tiġi adottata mill-Kunsill billi din tinvolvi deroga għal-liġi tal-UE. In-Norveġja għandha Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar it-tnaqqis tar-riskji fir-rigward tal-użu tal-pestiċidi għall-perjodu 2010-2014. Il-pjan ta' azzjoni attwali huwa r-raba' pjan nazzjonali li jiffoka fuq it-tnaqqis tal-użu u r-riskji marbuta mal-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Il-Pjan ta' Azzjoni jilħaq, fil-biċċa l-kbira, ir-rekwiżiti tad-Direttiva. Bosta mill-proġetti jibqgħu għaddejjin sal-aħħar tal-2014. Barra minn hekk, minħabba ċiklu ta' finanzjament fiss, ġie diġà deċiż liema proġetti se jingħataw prijorità fl-2014. Għalhekk huwa meħtieġ li jkun hemm perjodu ta' żmien wara l-31 ta' Diċembru 2014 sabiex jiġu analizzati r-riżultati ta' proġetti li għadhom għaddejjin u biex jiġi elaborat Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali ġdid.

L-adattament li ġej dwar l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva huwa għalhekk propost min-naħa tal-EFTA fl-abbozz tal-JCD, li jagħti lin-Norveġja ż-żmien meħtieġ biex telabora Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali ġdid:

“Fir-rigward tan-Norveġja, il-kliem “26 ta' Novembru 2012” jiġi sostitwiti bil-kliem “1 ta' Jannar 2016”.

3. L-ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

L-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ŻEE jipprevedi li, wara proposta mill-Kummissjoni, il-Kunsill

¹ ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71

jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fir-rigward ta' Deċiżjonijiet b'hal dawn.

Il-Kummissjoni tressaq l-Abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għall-adozzjoni mill-Kunsill b'hal l-pożizzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tittama li tkun fil-qagħda li tippreżentah fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mill-aktar fis possibbli.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emenda tal-Anness XX (Ambjent) għall-Ftehim ŻEE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea², u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea³ (“il-Ftehim ŻEE”) daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li, fost l-oħrajn, jemenda l-Anness XX (Ambjent) għall-Ftehim ŻEE.
- (3) Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (4) L-Anness XX (Ambjent) għall-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ.
- (5) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandha għalhekk tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni li jinsab mehmuż.

² ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

³ ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

⁴ ID-DIRETTIVA 2009/128/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta tal-Anness XX (Ambjent) għall-Ftehim ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Komitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*